MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru 1/2006

Att. T'Akkuza 1/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**David sive David-Norbert Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 1 tas-sena 2006, kontra l-akkuzat David sive David-Norbert Schembri, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tlieta (3) ta Mejju, elfejn u erba (2004) David (David-Norbert) Schembri mar ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm), fejn kienet toqghod il-partner tieghu Josette Scicluna, San Gwann. Illi r-relazzjoni taghhom kienet fi krizi ghal xi zmien. David (David-Norbert)

Schembri mar armat b'pistola u f'mument minnhom spara fuq is-serratura tal-bieb u dahal fejn kienu joqghodu Josette Scicluna u bintu. Illi kif rat hekk, Josette Scicluna ippruvat tiddefendi ruhha izda David (David-Norbert) Schembri hataf sikkina u beda jaghtiha, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghdilha il-hajja taghha f'perikolu car, diversi daqqiet, inkluz f'postijiet vitali ta gisimha, u ikkagunalha l-mewt.

Illi b'ghemilu l-isemmi David (David-Norbert) Schembri sar hati t'omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali,  fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jitqal fl-Artikolu 211(l)(2), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fit-3 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tas-6.30pm u xi hin qabel,  f'San Gwann,  David (David-Norbert) Schembri kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (pistola) u munizjon minghajr id-debita licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija. Hu fil-fatt anke spara dil-pistola fuq il-bieb ta' barra tar-residenza ta Josette Scicluna.

Illi b'ghemilu l-imsemmi David (David-Norbert) Schembri sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet (preliminari) tal-akkuzat tal-15 ta' Marzu, 2006, li biha eccepixxa :-

1. Illi d-dokument CID esebit mix-xhud Spettur Chris Pullicino a folio 38 tal-process huwa inammissibli stante li jammonta ghal rapport ex parte u inoltre jammonta ghall-"*documentary hearsay evidence*" ;

2. Illi d-dokument JS esebit mix-xhud Spettur Mario Tonna a folio 198 tal-process huwa inammissibbli bhala prova stante li t-tehid tieghu u l-mod kif gie ottenut u finalmentipprezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri ma huwiex konformi mal-ligi w mas-salvagwardji kontenuti fil-ligi dwar l-ammissibilita' ta' provi;

3. Illi rigward id-dokument CD esebit a folio 131 tal-process PS1 u d-dokument PS1 esebit a folio 195 tal-process jinghid li d-difiza ghadha ma nghatat ebda kopja u jehtieg li jinghataw l-ordnijiet u l-provvedimenti necessarji sabiex tali kopja tkun ghad-dispozizzjoni tad-difiza qabel ma jibda l-guri biex b' hekk l-istess tkun tista' tipprepara ruha adegwatament fuq il-provi migjuba;

4. illi l-akkuzat jeccepixxi illi huwa ghandu jitqies ezenti mir-responsabbilta' kriminali stante illi fil-waqt tal-att kien fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u ghalhekk ukoll dana

jammonta ghall-fatt illi minnhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa 'l quddiem.

Rat ir-rikors tal-akkuzat tal-istess data fejn, wara li gab quddiem il-Qorti l-allegazzjoni li hu kien fi stat ta' genn fit-termini tal-artikolu 33(a) tal-Kap. 9, talab li din il-Qorti, kif dispost fl-artikolu 620 et sequitur tal-Kap. 9, prevja li jigu decizi l-ecezzjonijiet l-ohra minnu mressqa, taghti dawk id-direttivi w provvedimenti xierqa w opportuni.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Marzu, 2006, li biha ddikjara li ai termini tal-art. 621 tal-Kodici Kriminali, kien qed jikkontesta l-allegazzjoni ta' genn kif indikat fir-rikors tal-akkuzat tal-15 ta' Marzu, 2006.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 t' Ottubru, 2006, li bih Dr. J. Giglio, b' riferenza ghat-tielet eccezzjoni, irtira l-istess bl-intendiment li, sad-data tal-*"gurin"* (Sic!), ikollu kopja taz-zewg dokumenti.

Rat ukoll il-verbal tal-istess udjenza li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li d-dokument CID a fol. 38 et seq. ma jkunx disponibbli ghall-gurati w iservi biss f' kaz li x-xhud Spettur Pullicino ikun irid jarah wahdu biex jirrifreska l-memorja tieghu w li bih, in vista ta' dan, Dr. J. Giglio ceda l-ewwel eccezzjoni.

Rat ukoll il-verbal tal-istess data li bih, bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, l-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li sakemm il-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni jistghu jigu nominati esperti psikjatrici biex jezaminaw lill-akkuzat u jirrelataw jekk hu kienx dementi fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat reat.

Rat id-Digriet taghha tal-istess data fejn ghaddiet biex tinnomina lill-esperti psikjatrici.

Rat il-verbal li bih din il-Qorti tat l-opportunita' lill-Prosekuzzjoni w lid-difiza li b' appuntament mad-Deputat Registratur jisimghu t-tape Dok. JS a fol. 198 biex ikunu f' pozizzjoni ahjar li jirregolaw ruhom u ordnatilhom li b' nota

li riedet tigi prezentata sat-30 ta' Novembru, 2006, jiddikjaraw x' inhi l-pozizzjoni taghhom.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-1 ta' Novembru, 2006, li biha ddikjara li wara li sema t-tape in kwistjoni, nsista dwar ir-rilevanza u l-ammissibilita' tad-dokument JS esebit a fol. 198 tal-process, specjalment in vista li l-persuna li kienet qed tigi mhedda mill-akkuzat huwa xhud f' dawn il-proceduri.

Rat in-Nota tal-Akkuzat tal-istess data li biha fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tieghu, ghamel riferenza ghas-segwenti dispozizzjonijiet tal-ligi:

a. artikolu 35(1) (d) tal-Kap.399;

b. Regolament 13 ta' l-A.L. 412/04, li titkellem biss fuq intercettazzjonijiet awtorizzati bil-ligi;

c. Kap. 391 li jirregola kif u meta jistghu jsiru intercettazzjonijiet telefonici.

Illi biha wkoll, ghar-rigward tal-mod kif dan ir-*recording* gie esebit, hu kien qed jannetti ukoll l-annessi fotopjopji tar-referenzi li huwa semma fil-kors tat-trattazzjoni orali liema referenzi huma mehuda mill-ktieb Cross + Tapper on Evidence , (Colin Tapper 9th. edit.).

Rat ir-ricevuti ffirmati mill-abbli prosekutur u mill-abbli difensur fis-6 ta' Novembri, 2006, fejn iddikjaraw li kienu rcevew minnghand id-Deputat Registratur ta' din il-Qorti kopji tad-dokumenti CD a fol. 131 u Dok. PS a fol. 195 skond l-ordni ta' din il-Qorti tat-30 t' Ottubru, 2006.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2007, li bih Dr. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni nforma lill-Qorti li wara li hu sema t-tape (Dok. JS) imsemmi fil-verbali precedenti, tenna li din il-prova kienet rilevanti w ammissibbli. B' riferenza ghan-nota tal-akkuzat li tirrigwarda r-*recording* li l-istess akkuzat qed jghid li mhux ammissibbli, ssottometta li tali *recording* sar minn persuna li ma kienetx ufficjal investigattiv f' dan il-kaz u ghalhekk ma kellha bzonn ebda awtorizzazzjoni skond ir-regolamenti citati mill-akkuzat u li l-istess persuna kien xhud fil-proceduri w ma hemm xejn fil-ligi li jipprojbixxi li

jixhed dwar dak li jaf u partikolarment il-konversazzjoni in kwistjoni li dwarha hemm ir-*recording* tal-istess konversazzjoni. F' dan l-isfond *recording* ma hu xejn hlief parti mix-xiehda tal-istess xhud u certament Ii, in vista tar-rilevanza tieghu, hu ammissibbli bhala prova;

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Giglio ghall-akkuzat spjega li l-eccezzjoni tieghu dwar dan id-dokument mhux bazata fuq ir-rilevanza imma fuq l-inammissibilita' u ghalhekk kien ipprezenta nota f' dan is-sens.

Semghet it-trattazzjoni fid-diversi udjenzi li saru fejn, fost sottomissjonijiet ohra, d-difiza argumentat li ma sar ebda kontroll dwar it-tape JS ghall-fini tal-kontinwita' tal-evidenza u dan kien kaz ta' *"recording obtained illegally"*

Rat il-verbali tad-differimenti li saru biex il-periti psikjatrici jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom li finalment giet prezentata fl-1 ta' Marzu, 2007 u minnhom mahlufa fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2007.

Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li, qabel kollox, ghandha tigi deciza t-tieni eccezzjoni w umbaghad wara, okkorrendo, jekk l-akkuzat jibqa' jinsisti fuq ir-raba eccezzjoni, jsir il-guri.

Rat il-verbal li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' Gunju, 2007 bil-fakolta' li tissejjah qabel jekk ikun il-kaz;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi issa li gew irtirati l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet u sar qbil li f' dan l-istadju trid l-ewwel tigi deciza t-tieni eccezzjoni, din il-Qorti ser tghaddi biex tinvesti l-istess eccezzjoni,li tirrigwarda l-ammissibilita' tat-*tape recording* (Dok. JS) esebit fil-process u li allegatament sar mix-xhud **Joseph Scicluna** waqt konversazzjoni telefonika li huwa kellu mal-akkuzat.

Illi meta xehed fit-2 ta’ Gunju, 2004 fil-kumpilazzjoni (fol. 196), **l-Ispettur Mario Tonna** qal li l-jum ta’ qabel : l-1 ta’ Gunju, ghall-habta tal-11 am hu kien gie moghti *cassette tape* minghand Joe Scicluna li huwa missier il-vittma u dan kien qed jghid li go fih hemm recorded fejn ftit granet qabel l-incident l-imputat kien cempillu fuq mobile number 99487501 u fejn f’ din it-telefonata jinstema theddid li kienet ser jiffaccja lill-familja ta’ Scicluna kollha. L-Ispettur xehed ukoll li fi stadju ulterjuri ikun lest li jtella lil Scicluna sabiex jikkonferma t-tehid ta’ dan il-casette. Hu kien staqsa lil Scicluna kienx lest li jikkonferma dan it-tape bil-gurament u Scicluna kien qallu li kien. Il-cassette tape gie esebit u market bhala Dok. JS.

Illi pero’ mil-ezami akkurat tal-atti processwali minn imkien ma jirrizulta li dan Joseph Scicluna kien sussegwentement ingieb biex jikkonferma bil-gurament li hu kien irceva u r-irrikordja din it-telefonata. Meta huwa xehed fl-udjenza tas-7 ta’ Frar, 2005 (fol. 521) hu tkellem biss dwar jekk in-neputija tieghu, ossia bint il-vittma, kellhiex tixhed f’ dan il-process jew le w ma ssemma xejn dwar dan il-cassette tape.

Illi din il-Qorti semghet l-istess “*tape recording*” u stabiliet li l-kontenut tieghu hu konversazzjon bejn zewg vucijiet t’ irgiel. Fuq sfond ta’ muzika li jidher li kienet qed tindaqq vicin jew inkella kienet pre-recorded , tinstema vuci gholja maskili tghid ripetutament li “Ma tafx’ qed nghid?” , “*ma nibzax minnek u lanqas minn ghaxra ohra bhalek”*, titkellem hazin u tghid ripetutament b’ ton aggressiv u minaccjanti li “*Ser niffakejak il-lejla. Se niffakejak”*” u ssemmi pulizija u cerimonji u fl-ahhar tispicca tghid lil persuna l-ohra *“ghax int pufta, man..”* Il-vuci l-ohra maskili tinstema tghid : “Ma nafx xi trid tghid.” “ok.” u “.all right” u li “m’ghandix fejn immur hlief ghand il-Pulizija” u espressjonijiet u kliem simili. Din tibqa’ sejra ghal xi minuta b’ xi interruzzjoni fin-nofs. Wara umbaghad it-tape ikompli bil-muzika li kienet qed tinstema fil-background waqt il-konversazzjoni.

Illi l-akkuzat iccita diversi ligijiet jew regolamenti in sostenn tat-tezi tieghu li dan it-*tape recording* mhux ammissibbli bhala prova w beda biex invoka l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399. Dan is-subinciz johloq ir-reat ta' min juza xi *network* jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew jittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjoinijiet elettronici jew inkella juzah b' mod mhux kif imiss.

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti dan is-sub inciz citat mill-akkuzat ma ghandu x' jaqsam xejn mall-kaz ta' *tape recording* in ezami li ma jkunx sar b' *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza, imma x'aktarx b' apparat privat li sema w irrekorjdja dak li kien qed jinstema minn fuq it-telephone u xejn aktar. Ghalhekk ma jidhirx li r-*recording* per se kien legalment impedut li jsir in forza ta' dan is-subinciz tal-Kap. 399 kif qed jippretendi l-akkuzat.

Fit-tieni lok l-akkuzat jinvoka r-regolament 13 tal-Avviz Legali 412/04 u cioe' r-Regolamenti ta' l-2004 dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali), maghmula taht il-Kap.399 tal-Lgijiet ta' Malta appena fuq imsemmi. Dan ir-Regolament isemmi fis-sub-paragrafi (1) li l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet ghandha tiddefenixxi l-htigijiet teknici w operattivi biex tkun tista' ssir <u>intercettazzjoni legali</u> ta' komunikazzjoni elettronika mill-awtoritajiet kompetenti skond kull ligi li tippermetti w tirregola intercettazzjoni legali bhal dik. Pero' la fl-istess regolamenti voluminuzi w lanqas fl-Att principali ma hemm hemm definizzjoni tal-espressjoni *"intercettazzjoni legali"*. F'kull kaz dawn ir-regolamenti dahlu in vigore fl-14 ta' Settembru, 2004, u cioe' wara li sar l-allegat *recording* li bil-fors sar qabel l-1 ta' Gunju, 2004 kif jidher mix-xiehda tal-Ispettur Mario Tonna fuq riferita. Ghalhekk, apparti li dar-regolament ma jghid xejn, jghid x' jghid, zgur li ma jistax jghin biex tinstab is-soluzzjoni ghal din il-kwistjoni ghaliex ma kienx applikabbli ghar-*recording* in ezami.

Fit-tielet lok l-akkuzat jaghmel referenza ghall-kap. 391 tal-Ligijiet ta’ Malta ossia l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta’ li skond l-akkuzat “jirregola kif u meta jistghu jsiru intercettazzjonijiet telefonici”. Dan l-Att iwaqqaf is-Servizz ta’ Sigurta’ u jipprovdi ghall-hrug ta’ mandati w ta’ awtorizzazzjonijiet li jaghtu lok ghall-ghemil ta’ certu azzjonijiet u, fost ghanijiet ohra, ghandu dak li jipprojbixxi l-intercettazzjonijiet ta’ komunikazzjonijiet u jirregola kif jistghu jigu effettwati intercettazzjonijiet ta’ komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni taghhom bil-posta jew bil-mezz ta’ sistema ta’ telegrafija minghajr fili jew ta’ telekomunikazzjonijiet u jiddisponi li tali intercettazzjoni ma tkunx kontra l-ligi jekk tkun awtorizzata b’ mandat mahrug mill-Ministru. Issa ghalkemm l-artikolu 15 (1) jiddisponi li kull min xjentement jintercetta jew jinterferixxi ma komunikazzjoni matul it-trasmissjoni taghha bil-mezzi indikati fl-istess artikolu, jkun hati ta’ reat u ghalkemm l-artikolu 2 (1) jiddisponi li “*intercettazzjoni”* tinkludi *inter alia* anki l-*ikkupjar* ta’ komunikazzjonijiet, kif ukoll defenit fl-istess artikolu, w ghalkemm *“recording*” ta’ telefonata jista’ allura koncepibbilment jaqa’ taht din id-definizzjoni, din il-Qorti ma tarax kif ir-*recording* ta’ telefonata minn min jirceviha, tista’ tikser il-ligi.  Kull hadd ghandu dritt li jinnota, li jirregistra jew jirrekordja dak li jkun qed jinghid lilu stess, partikolarment jekk dak li jkun qed jinghidlu jkun sahansitra jikkostitwixxi reat , bhal theddid, ingurji, eccetera fuq il-mezzi telefonici. Anzi fil-fehma ta’ din il-Qorti tali *recording* jista’ jghin mhux ftit biex iservi ta’ prova valida fil-prosekuzzjoni ta’ reati kommessi b’ mezzi telefonici w li jkunu qed jigu kommessi kontra l-persuna li tkun qed tirregistrahom biex ikollha tali prova tal-ksur tal-ligi li tippunixxi lil min jabbuza kontra l-ligi billi mezzi ta’ telekomunikazzjoni w ergo tista’ taqa’ taht l-eccezzjoni kontemplata fl-artikolu 15 (3)  tal-istess Kap. 391. u cioe’ meta intercettazzjoni ssir bi “*twettieq ta’ kull ligi li jkollha x’ taqsam ma l-uzu ta’ dawk is-servizzi*”.(eg. bhal fil-kaz ta’ persuni li jigu akkuzati li uzaw l-apparat telefoniku mhux ghall-uzu kif imiss skond l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399)

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti r-*recording* ta’ telefonata <u>minn xi wiehed jew wahda</u> <u>mill-partijiet li jkunu qeghdin jippartecipaw fl-istess komunikazzjoni telefonika</u>

ma jistax jitqies fic-cirkostanzi prospettati f' dan il-kaz li jammonta ghall-intercettazzjoni kontra l-ligi punibbli b' piena ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija jew multa ta' mhux aktar minn hamest elef lira, jew addirittura dik il-multa u prigunerija flimkien. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li l-agir ta' Scicluna jekk u meta rrikordja t-telefonata kien wiehed kontra l-ligi, anki jekk il-parti l-ohra f' dan il-kaz l-akkuzat ma kienx jaf li t-telefonata kienet qed tigi *recorded.*

Illi ghalkemm mit-test citat mil-akkuzat mehud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirrizultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun gie ottjenut illegalment (**R. v. Senat , R. v. Sin** (1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' *public policy*. (**R. v. Migliorini** (1981) 38 ALR 356) ; Dan ma jirrizultax f' dan il-kaz.

Pero' hemm awtorita' li tghid li f' guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm *prima facie case* li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l-provenjenza w l-istorja tar-*recording* sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (**R.v. Robinson and Harris**; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u **Butera v DPP** (1987) 164 CLR 180. p.184).

Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir-recording kif xehdu Tonna huwa *hearsay evidence* u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-*recording*, u kif u f' liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat r*ecording* sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi *"oversight*" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-

ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il-prova tal-kontinwita' tal-evidenza.

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara il-*cassette tape* (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata.

Ghalhekk il-kawza qed tigi differita *"sine die"* , biex wara li jigi deciz xi appell eventwali intavolat skond l-artikolu 499 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun il-kaz, isir il-guri biex tigi deciza l-eccezzjoni tal-akkuzat li hu kien fi stat ta' genn fil-waqt ta' l-att a tenur tal-artikolu 33 (a) tal-Kodici Kriminali, kif jiddisponu l-artikoli 620 sa 628 tal-Kodici Kriminali.

Sadattant l-akkuzat jibqa' detenut taht arrest preventiv kif jinsab sal-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------